MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Numru. 121/2001
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Charles Gouder**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Charles Gouder ta' 28 sena iben Carmelo u Doris nee' Mallia mwieled Pieta fil-5 ta' Lulju 1971 u residenti 102/5 St Domnic Street Valletta, ID 413372M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' April 2001 u matul l-ahhar sena qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-**

**Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**Akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva nhar it-13 ta' Ottubru 1999 (sentenza sospiza).**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali tat-23 ta' April 2001 kif wkoll l-istatement maghmul mill-imputat u anke r-relazzjoni maghmula mill-Ispizjar Mario Mifsud.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.**

**Ikkonsidrat.**

**Illi l-imputat kien instab b'sitt qratas eroina li flimkien jaghmlu piz ta' 0.36 grammi. Ikkunsidrat li t-taqsim f'sitt pakketti iqanqal suspett illi kien hemm intenzjoni ta' spaccjar. Izda fil-fehma tal-Qorti hemm dubbju jekk l-intenzjoni ta' l-imputat kinitx harget cara jew le mill-provi prezentati. Sahansitra mill-istqarrija stess ma jidhirx li huwa car bizzejjed biex tkun ppruvata din l-intenzjoni. Ghal hekk id-dubju ghandu jmur favur l-imputat.**

**Min-naha l-ohra ma hemm l-ebda dubju li l-imputat kellu pussess tad-droga eroina ghax dan huwa ampjament ppruvat.**

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap 101 kif wkoll ir-Regolament 9 tal-GN 2921939, mhux qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontrieh, izda minflok qed issib lill-imputat hati ta' pussess semplici ta' eroina, reat li huwa kompriz u involut fl-ewwel imputazzjoni.**

**Dwar it-tielet imputazzjoni, ma jidhirx li din giet ppruvata sodisfacentement ghaliex ma gietx pprezentata s-sentenza u ghal hekk il-Qorti qed tilliberah minnha.**

**Il-Qorti in vista tas-sejbien ta' l-eroina, qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' 467 Euro, liema multa tista' tithallas bil-pagamenti ta' 50 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi parti minn din il-multa ma tihallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**Il-Qorti qed tikkundanna wkoll lill-imputat ihallas l-ispejjez li kienu jammontaw ghal LM39.41 li jigu 91.79 Euro u dan ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------